**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**(GHAWDEX)**

**IMHALLEF ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 63/2002**

**Il-Pulizija ( Spettur Antonello Grech )**

**Vs**

**JOHN ATTARD**

**Illum, 28 ta' Gunju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha John Attard gie akkuzat talli fit-3 ta' Dicembru, 2001, ghal habta tad-9.50 a.m., fir-raba maghruf bhala 'Tat-Twil', fix-Xaghra, Ghawdex, bil-hsieb li jghamel hsara volontarja lill-Michael Attard, karta ta' identita' numru 28345G mix-Xaghra, waqt li kien fuq is-sies, tefa' tyre jaqbad fil-qasab ta' l-istess Michael Attard, u kkaguna danni li huma ta' aktar minn Lm10 izda anqas minn Lm50.

Rat is-sentenza moghtija fl-20 ta' Marzu, 2002, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li permezz taghha sabet lill-

John Attard hati ta' din l-akkuza, u ghal dak li jirrigwarda l-piena li hasset adegwata fic-cirkostanzi, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghall-sittin lira Maltin (Lm60) Multa minflok il-piena karcerarja.

Rat ir-rikors ta' appell ta' John Attard datat 26 ta' Marzu, 2002, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata dan billi tilliberah minn kull imputazzjoni w htija; u f' kaz illi l-htija tigi konfermata, tirriforma s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-hsara sofferta minn Michael Attard ma teccedix l-Lm10, u ghalhekk tiddikjara illi ma jezisti ebda aggravju ta' valur, u konsegwentement, tirriduci l-piena nflitta fuqu.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi essenzjalment dak li qed jilmenta minnu l-appellant John Attard hu li l-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment u ragjonevolment tasal biex issib htija fih in bazi tal-provi li kellha quddiemha.

Din, ghalhekk, hi kollha kemm hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi. Din hi Qorti ta' Revizjoni w hu biss eccezzjonalment li tasal biex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti, hlief meta jirrizultalha b'mod daqxejn lampanti li dik il-Qorti kienet ghamlet apprezzament tal-provi manifestament hazin, jew li kienet interpretat u applikat il-ligi b' mod erroneu, b' konkluzzjonijiet taghha daqstant zbaljati.

Mill-assjem tal-provi li reghhet semghet din il-Qorti, li hi ghandha ragjonevolment tahseb li huma essenzjalment l-istess provi li semghet l-ewwel Qorti, ma jirrizultalhiex xi apprezzament tal-provi maghmul hazin jew li l-ewwel Qorti interpretat jew applikat il-ligi b' xi mod zbaljat. Dan ifisser li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant in bazi ta' dawn il-provi.

Ghal din ir-raguni, din il-Qorti tichad l-appell ta' John Attard u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.